ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 34/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 16 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fit-8.30 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***
John Luke Cassar ***Kunsillier***
Joseph Schembri ***Kunsillier***
Cody Galea ***Kunsillier***
Ritienne Caruana ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 34.1 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2020

34.1.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn l-*audited financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

34.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li sar l-Awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill, l-*accountant* tal-Kunsill kienet għamlet l-aġġustamenti fil-*financial statements* kif mitlub mill-Awdituri.

34.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tinsab sodisfatta ħafna li l-awdituri ħarġu b'opinjoni għax il-kotba finanzjarji tal-Kunsill laħqu il-kriterji mitluba.

34.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2020. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'defiċit għas-sena ta' €62,621.

34.1.5 Fil-fatt wara l-aġġustamenti, l-Kunsill għalaq is-sena b'*working capital* ta' €59,773. Dan jawgura tajjeb biex il-Kunsill jibqa' għaddej bil-ħidma sfieqa tiegħu favur il-lokalità.

34.1.6 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-*Audited Financial Statements*, hekk kif emendati, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2020, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mal-Kunsilliera kollha.

34.1.7 Għaldaqstant dawn l-*Audited Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, biex flimkien mar-*representation letter* jgħaddu għand l-Awdituri tal-Gvern Lokali u l-NAO.

## 34.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.2.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

34.2.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 33 jiġifieri nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021 fl-16:00hrs.

34.2.3 Il-laqgħa ntemmet fid-20:45 ta' filgħaxija.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 27 ta' Ottubru, 2021

**Mozzjoni Ref:** 187/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Audited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2020.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 16 ta' Settembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**